**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2015**

**Ir-Raba' Sena** | **Il-MALTI** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart**

**(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)**

L-Isem u l-Kunjom: ________________________ Il-Klassi: __________

| | |
|---|---|
| **Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba** | |
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

**Aqra sew dan li ġej:**



- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**Il-FEHIM MILL-QARI** **(10 marki)**

**A. Aqra dan l-invit.**

Għażiż Buxu,

Nixtieq nistiednek għall-festin ta' għeluq snini. Sħabi se jagħmluli festin il-Buskett nhar is-Sibt, 14 ta' Frar 2015 mill-4:00 sas-6:00 ta' waranofsinhar. Se jkun hemm ħafna ikel u logħob b'rigali sbieħ. Il-fkieren ta' Ħal Muxa diġà qaluli li ġejjin. Tinsiex iġġib umbrella miegħek f'każ li tagħmel ix-xita. Nispera li narak!

Dejjem tiegħek,

Xummiemu



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-invit li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**: (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Buxu se jiċċelebra għeluq sninu. | |
| b. | Il-festin se tagħmilulu l-mama`. | |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Il-festin se jibda | fit-tlieta ta' waranofsinhar. | |
| | | fl-erbgħa ta' waranofsinhar. | |
| | | fil-ħamsa ta' waranofsinhar. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| b. | Il-festin se jdum | siegħa. | |
| | | tlitt sigħat. | |
| | | sagħtejn. | |

3. F'liema staġun taħseb li se jkun dan il-festin? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb.

Il-_______________ se jmorru għall-festin ta' Xummiemu. Magħhom se jieħdu rigal u _______________ minħabba l-maltemp li jista' jinqala'. (2 marki)

5. Mill-invit li qed tara, taħseb li Buxu se jkun kuntent b'dan l-invit? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**B. *Aqra l-istorja Xummiemu u n-naħal.***



Darba waħda Xummiemu qam bi griżmejh juġgħuh. Ma kienx kapaċi jitkellem ċar għax kien maħnuq. Ħareġ barra u beda miexi fil-wied tal-viċin. Waqt li kien miexi sema' xi żunżan jgħajjat għall-għajjut. Xummiemu ma kienx jaf x'kienet il-problema u staħba wara siġra biex jara x'kien qed jiġri. **(par.1)**

Fil-bogħod ra tifel kattiv jgħaffeġ fuq il-fjuri u jbeżża' n-naħal billi kien qed ixejjer injama 'l hemm u 'l hawn. Xummiemu beda jaħseb x'seta' jagħmel biex isalva l-fjuri u n-naħal. Jgħajjat ma setax għax griżmejh kienu qed juġgħuh. **(par.2)**



Fortunatament ġietu idea tajba. Ħareġ minn wara s-siġra u lit-tifel qallu li fil-bogħod ra **gwardjan** miexi 'l fuq. **(par.3)**

"Jekk il-gwardjan jarak tagħmel il-ħsara lill-fjuri, tiġi f'inkwiet kbir," qallu Xummiemu. **(par.4)**

Meta sema' hekk, it-tifel kattiv ħarab minn fuq il-post. In-naħal irringrazzjaw lil Xummiemu u staqsewh għaliex dakinhar ma kienx qed ikanta u jitkellem b'leħen normali. **(par.5)**

"Għandi griżmejja juġgħuni, ħbieb," wieġeb Xummiemu. **(par.6)**

"Tinkwetax, Xummiemu," wieġeb in-naħal. "Aħna għandna rigal għalik talli salvajtna minn dak it-tifel kattiv." **(par.7)**

In-naħal tawh važett għasel pur li kienu għamlu huma stess, grazzi għall-fjuri li marru fuqhom. Kif wasal id-dar, Xummiemu ħa ftit għasel mat-te u griżmejh minnufih **bdew jieħdu r-ruħ**. **(par.8)**



Prosit Xummiemu talli salvajt in-naħal, li tant huma importanti għalina biex idakkru l-fjuri u jagħtuna l-għasel! **(par.9)**

***

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (2 marki)

a. Xummiemu kien għaddej ( minn fejn il-baħar, fil-wied, fil-ġnien ).

b. In-naħal kienu qed jibżgħu ( mill-fjuri, minn raġel, minn tifel ).

2. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (4 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Xummiemu kellu griżmejh juġgħuh. | |
| b. | Waqt li kien miexi , Xummiemu sema' kelb jinbaħ. | |
| ċ. | Tifel kattiv kien qed ixejjer ix-xabla. | |
| d. | Xummiemu ma setax jgħajjat. | |

3. Taħseb li Xummiemu veru ra gwardjan miexi 'l fuq? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

4. Malli sema' lil Xummiemu, x'għamel it-tifel kattiv? (2 marki)

___________________________________________________________

5. Taħseb li dak it-tifel rega' għamel hekk lill-fjuri u n-naħal? Għaliex? (2 marki)

___________________________________________________________

___________________________________________________________

6. X'tawh in-naħal lil Xummiemu għal griżmejh? (marka)

___________________________________________________________

7. Kif ħassu Xummiemu meta xorob it-te? Għaliex? (2 marki)

___________________________________________________________

___________________________________________________________

8. F'liema staġun taħseb li ġrat din l-istorja? Kif taf? (2 marki)

___________________________________________________________

9. Xi tfisser il-kelma "**gwardjan**"? (par.3) (marka)

___________________________________________________________

10. Xi tfisser il-frażi "**bdew jieħdu r-ruħ**"? (par.8) (2 marki)

___________________________________________________________

## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA (10 marki)

1. ***Aqra dawn is-sentenzi*.** (6 marki)

| |
|---|
| Ħija Jesmond jagħlaq sninu l-Ħadd li ġej. Il-mamà sajritlu kejk taċ-ċikkulata filwaqt li n-nanniet xtrawlu ktieb sabiħ dwar l-annimali. |

**Mis-sentenzi sib u ikteb**:

| | | |
|---|---|---|
| a. | ***nom komuni*** | ***ħija*** |
| b. | nom fil-femminil | |
| ċ. | aġġettiv | |
| d. | verb | |
| e. | nom proprju | |
| f. | nom fil-plural | |
| ġ. | jum tal-ġimgħa | |

2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ħija beda ______________ bil-ferħ. | jibki / jipki |
| b. | Il-ktieb kitbu awtur _______________. | famus / famuż |

3. Imla l-vojt kif mitlub. (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Daħħal **l-artiklu** t-tajjeb ( Il-, L-, L-i ) | ______ festin se jsir filgħaxija. |
| b. | Daħħal **il-pronom dimostrattiv** it-tajjeb (Dan / Din / Dawn) | ______ il-kejk jidher tajjeb ħafna. |

## B. Il-Kitba ta' sentenzi (3 marki)

**Ikteb sentenza fuq kull stampa b'Malti tajjeb. L-ewwel waħda lesta.**

| | |
|---|---|
|  |  |
| ***Lara u Jessica marru l-iskola flimkien.*** | ______________________________ <br> ______________________________ <br> ______________________________ |
|  |  |
| ______________________________ <br> ______________________________ <br> ______________________________ | ______________________________ <br> ______________________________ <br> ______________________________ |

## Ċ. Il-Kitba ta' storja qasira

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb madwar GĦAXAR SENTENZI dwarha.**

## 1. L-annimal favorit tiegħi



JEW

## 2. Kif inqatta' l-ħin liberu tiegħi



Ċ.1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

**Storja _______________ (Ikteb 1 jew 2) (2 marki)**

**Ċ.2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.**

**Il-kitba għandha tkun ta' madwar GĦAXAR SENTENZI.** (15-il marka)

Tmiem il-Karta